ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# MINUTI

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 46 IT-TNEJN, 02 TA' LULJU 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 2 ta' Lulju 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ralph Puli – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**46/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**46/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Robert Cremona u Ralph Puli li ma setgħux jattendu l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol u safar rispettivament. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**46/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 45**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 45 li nżammet nhar it-Tnejn 4 ta' Ġunju 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 45 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**46/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**46/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**46/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mis-Soċjeta Filarmonika Pinto li talbu l-permess sabiex isiru t-toroq fi Triq San Sebastjan. Il-Kunsill approva sakemm tintbagħat site plan dettaljata minn perit u jiġi assigurat li x-xogħol isir skont l-istandards tat-TM. **DOK 'A1'**

**46/04/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispodenza mill-Awtorita' tal-Artijiet fejn saqsew lill-Kunsill jekk il-Kunsil għadux interessat fid-devoluzzjoni tal-art li hemm fi Triq is-Sienja, liema talba kienet saret fis-sena 2013. Il-Kunsill qabel unanimament li għadu interessat u għandu jibda l-proċess tad-devoluzzjoni. **DOK 'A2'**

**46/04/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li l-proċess dwar l-impjieg għadu għaddej u fil-ġranet li ġejjin se ssir it-tieni intervista lil dawk li għaddew mill-ewwel intervista.

**46/05 RAPPORTI**

**46/05/01 TIĠDID TAS-SERVIZZI MOGĦTIJA MINN GĦAQDIET KULTURALI/TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq ir-rapport dwar servizzi mogħtija minn għaqdiet kulturali /taż-żgħażagħ dwar attivitajiet li jsiru fis-sena 2018.

**DOK 'B'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-rapport.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsillier (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**46/05/02 RAPPORT DWAR TRAFFIC MANAGEMENT REQUESTS**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq rapport dwar talbiet li saru matul dan l-aħħar xahar li jikkonċernaw tabelli u sinjali u traffic management. **DOK 'C'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat kif rrakomandat filwaqt li l-Kunsill għandu juri r-riservi tiegħu dwar kif ingħata permess ta' Un/loading fi Triq Imdina lil ħanut li jbiegħ il-telefon ċellulari meta fl-akkwata diġa hemm numru ta' un/loading bays.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsillier (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**46/05/03 RAPPORT DWAR KUNTRATTI TA' MANUTENZJONI TAD-DWAL FIT-TOROQ**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq rapport dwar iż-żewġ kuntratti li huma skaduti ħafna snin ilu, dawk tal-contract management kif ukoll tas-servizz ta' manutenzjoni tal-bozoz tad-dwal fit-toroq. Dawn il-kuntratti baqgħu fis-seħħ peress li l-Kunsill kien qabel li jifforma parti mill-kuntratt li jkollu r-Reġjun Nofsinhar iżda dawn l-offerti baqgħu qatt ma nħarġu. **DOK 'D'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat kif rrakomandat jiġifieri li jitwaqqaf is-servizz ta' contract management u jintalbu kwotazzjonijiet għal servizz ta' emerġenza sakemm tinħareġ sejħa tal-offerti, filwaqt li dwar il-manutenzjoni tal-bozoz għandu jkompli sakemm tinħareġ sejħa għall-offerti li għandu jibda' l-proċess immedjatament.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsillier (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**46/06 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**46/06/01 RAPPORT MILL-KUNSILLIERA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ressaq rapport dwar periklu li hemm fi Triq il-Ħammieri fil-liwja qabel Triq il-Wied, sabiex issir talba lil Transport Malta tevalwa possibilitajiet biex it-triq titwessgħa u jitneħħa dan il-periklu, filwaqt li bħala miżura temporanja issir crash barrier. Il-Kunsill approva *nem.con*

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ressaq rapport dwar it-tindif fil-lokalita' fejn f'dawn l-aħħar ġimgħat sar progress kbir bis-saħħa tas-servizz ta' emerġenza.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ressaq rapport dwar il-Gwardjani Lokali f'Ħal Qormi fejn fil-ġimgħa tal-festa ta' San Ġorġ ingħataw numru ta' ċitazzjonijiet f'toroq viċin ta' fejn kien hemm il-marċ, liema kontravenzjonijiet ma kienux ostaklu jew periklu. Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsill jikteb lill-Ministeru dwar dawn l-ilmenti kostanti sabiex il-gwardjani jkunu aktar sensittivi. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar li l-Kunsill ma jistax jgħid lill-Ministru biex il-Gwardjani Lokali jgħalqu għajnejhom għax huwa fid-dover ta' kulħadd li l-liġi tiġi osservata. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra,liema ittra tiġi ċċirkolata qabel tintbagħat.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** ressaq rapport dwar il-bżonn li jsiru bins fi Triq Manwel Dimech u sabiex dawn isiru mill-Kunsill ladarba li Transport Malta qed iddum biex tagħmilhom minkejja li hija triq arterjali u taqa' taħthom. Il-Kunsill approva.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** ressaq rapport dwar il-bżonn li jinfetaħ ċentru ta' Klabb 3-16 fl-iskola ta' San Sebastjan minħabba li hemm domanda kbir mill-ġenituri tat-tfal li jattendu din l-iskola. Il-Kunsill qabel unanimament biex niktbu lill-Ministru dwar dan il-bżonn u nressqu talba għal ftuħ ta' dan iċ-ċentru fl-iskola ta' San Sebastjan.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ressaq rapport dwar il-bżonn li l-crash barrier li hemm fi Triq l-Imdina (faċċata ta' Ganza) titneħħilu biċċa biex ikun hemm viżwal għas-sewwieqa. Din it-talba kienet diġa ġiet aċċettata minn TM iżda x-xogħol għadu ma sarx u għaldaqstant il-Kunsill qabel li jerġa' jfakkar lil TM biex isir dan ix-xogħol li huwa urġenti.

**46/07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' ĠUNJU 2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2018,

dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara **l-Kunsilier Renald Falzon** ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'E1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ġunju 2018
**b)** *Bank Payments* Ġunju 2018
**c)** *Petty Cash* Ġunju 2018

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsilier Renald Falzon ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**46/08 MOZZJONIJIET**

**46/08/01 MOZZJONI 85/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stiden lill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Billi l-Kunsill Lokali huwa kommess li jagħti vuċi lir-residenti Qriema permezz tar-rappreżentanti tagħhom fil-Kunsill Lokali.*

*Billi l-Kunsill Lokali huwa kommess li jisma' l-veduti kollha ta' kull min jixtieq il-ġid lill-Belt Pinto u r-residenti ta' din il-belt.*

*Billi l-Kunsill Lokali huwa kommess li jkompli jsaħħaħ id-demokrazija fuq livell lokali u dan sabiex inkunu dejjem aktar viċin tar-residenti, qed nipproponi lill-Kunsill Lokali sabiex skont kriterji li jiġu stabbiliti u fuq deċiżjoni finali tal-Kunsill Lokali, kif ukoll f'każijiet mhux tas-soltu, membri tal-Kunsill Lokali jistgħu jipparteċipaw fis-seduta b'mod virtwali.*

*Nipproponi wkoll sabiex il-Kunsill Lokali jressaq dan is-suġġeriment lill-Gvern Centrali waqt il-konsultazzjoni tal-*

*white paper sabiex jemenda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Att dwar Kunsilli Lokali.*

**DOK 'F1'**

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 85/2018.

**46/08/02 MOZZJONI 86/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Ftit tas-snin ilu l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi beda jittrasmetti s-seduta tal-Kunsill Lokali live fuq l-internet. Din intlaqgħet b'mod pożittiv mir-residenti Qriema.*

*Għaldaqstant billi l-Kunsill Lokali huwa kommess li jkompli jsaħħaħ il-kunċett ta' eDemocracy u dan sabiex inkunu dejjem aktar viċin tar-residenti, qed nipproponi lill-Kunsill Lokali biex jinvesti fl-apparat meħtieġ ħalli b'hekk is-seduta tibda tiġi trasmessa wkoll live minn fuq il-paġna uffiċjali ta' Facebook tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.*

**DOK 'F2'**

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 86/2018.

**46/08/03** **MOZZJONI 87/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Wara li l-President ta' Malta kitbet lis-Sindku ta' Lisbona biex tipproponi ġemellaġġ bejn il-belt Portugiża u Ħal Qormi;*

*Peress li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi jemmen fir-relazzjonijiet internazzjonali li jistgħu jkattru skambji edukattivi u kulturali;*

*Peress li bejn il-belt ta' Lisbona u Ħal Qormi hemm rabta storika permezz tal-Gran Mastru Manoel Antonio de Fonseca Pinto li kien proprju minn Lisbona;*

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jkompli d-diskussjonijiet mibdija mill-President ta' Malta mal-Kunsill Lokali ta' Lisbona biex jiġi ffirmat ftehim ta' ġemellaġġ bejn Lisbona u Ħal Qormi.*

***DO*K 'F3'**

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 87/2018 u għaldaqstant għandha ssir ittra lis-Sindku ta' Lisbona dwar dan il-ġemellaġġ.

**46/09** **AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 6 ta' Awwissu 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 6 ta' Awwissu 2018.**